**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 524/2022**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Audrey Micallef)**

**vs.**

**Mario Magri**

Illum, it-28 ta' Novembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Mario Magri ta' 54 sena, iben Spiridione u Mary nee' Pace, imwieled il-Pieta nhar it-23 ta' Mejju 1968, u resident gewwa Redentur, Triq tal-Qattus, Ghaxaq u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 0238368M

Akkuzat talli nhar l- 10 ta' Settembru 2022, bejn is- 02:00PM (ta' wara nofsinhar) u t- 03:00PM (ta' wara nofsinhar) gewwa Redentur, Triq tal-Qattus, Ghaxaq:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li qieghed il-hajja ta' **Vivian Lynn Magri** f'periklu car, volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura hafifa fuq il-mara tieghu l-istess **Vivian Lynn Magri**, hekk kif iccertifikaha Dr. Frederique Jannigje Mariavan Van Venetien, mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid

2. Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' mowbajl ta' l-ghamla *"Huawei"*, u liema ħsara tammonta ghal anqas minn 250€ (mitejn u hamsin) Ewro, għad-dannu ta' martu **Vivian Lynn Magri**
3. Ħebb għal martu **Vivian Lynn Magri** sabiex jinġurjaha, idejjaqha jew jagħmlilha ħsara b'xi mod
4. Ħebb għal bintu **Ritianne Magri** sabiex jinġurjaha, idejjaqha jew jagħmlilha ħsara b'xi mod

5. Insulentajt, heddidt jew ingurjajt bi kliem jew b'mod iehor lill- mara tieghek **Vivian Lynn Magri**
6. Insulentajt, heddidt jew ingurjajt bi kliem jew b'mod iehor lil bintek **Ritianne Magri**

7. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijja band'oħra fil-Kodiċi Kriminali lil martu, u cioe' **Vivian Lynn Magri**, jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni

8. Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodici Kriminali lil bintu, u cioe' **Ritianne Magri**, jew, jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

9. U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dott. Caroline Farrugia Frendo, LL.D., f'dan li ma jikkommettiex delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet oħra kif ordnat li jagħmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imsemmi **Mario Magri** u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 20,800 (ghoxrin elf u tmien mitt) Ewro bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 (2)(3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tohrog ordni ta'protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra **Mario Magri** a beneficju ta' **Vivian Lynn Magri u Ritianne Magri** u l-familjari taghhom u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta

Il-Qorti hija mitluba f'kaz ta' htija, biex tipprovdi ghall-persuni ta' **Vivian Lynn Magri u Ritianne Magri** u l-familjari taghhom jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil **Mario Magri** b'obbligazzjoni tieghu nnifsu that penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-piena stabbiliti mill-ligi, tordna lill-imsemmi **Mario Magri** sabiex ihallass l-spejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fil-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tat-12 ta' Settembru 2022 ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali skont l-artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali fejn ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[1]

Rat li matul l-udjenza ta' l-20 ta' Lulju 2023 l-imputat iddikjara li kien hati u irregistrat ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti, a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li l-Qorti avzatu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonceditlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsulta ma' l-avukat ta' fiducja tieghu u jikkonsidra t-twegiba tieghu u, jekk ikun il-kaz, jerga' lura minnha.[2]

Rat li l-imputat regghet tenna u kkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu.

Rat li fid-dawl ta' l-ammissjoni tal-imputat il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li ssibu hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza dwarhom fil-konfront ta' l-imputat.

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha definittivament nhar it-28 ta' Marzu 2023.[3]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

---

[1] Folio 43 ta' l-atti processwali

[2] Folio 166 ta' l-atti processwali

[3] Fol. 150 ta' l-atti processwali

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz jikkoncerna kaz ta' vjolenza domestika mill-imputat fuq martu u bintu waqt li kienu ghadhom mizewwgin.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

-Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputat li ma fiha xejn alarmanti.[4]

-L-imputat irregistra ammisssjoni ghall-imputazzjonijiet kollha wara gheluq il-provi tal-prosekzzujoni

- Qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu waqt is-smiegh tal-kawza tieghu u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutli ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs.**

[4] Folio 8 ta' l-atti processwali

**Nicholas Azzopardi**[5], **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[6], u **ARCHBOLD Sentencing Guidelines 2021**[7] u **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE.**[8]

-Illi jirrizulta li l-imputat ammetta wara li l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha u zammet diversi seduti f'dan ir-rigward. Illi dan kien jinkludi wkoll li l-vittmi kellhom jattendu u jaghtu x-xhieda taghhom quddiem il-Qorti. Illi l-ammissjoni saret propju fl-istadju tad-difiza u qabel din il-Qorti kellha tidelibera u tevalwa l-provi tal-kaz. Ghaldaqstant filwaqt li ma jistax jinghad li l-ammisjoni saret fi stadju bikri xorta huwa meqjus li sar tul il-mori tal-proceduri u qabel is-sentenza finali.

- Illi dan huwa kaz li jikkoncerna vjolenza domestika waqt li l-imputat u martu kienu ghaddejin separazzjoni. Illi irrizulta li mir-*risk assessment* li saret fuq martu r-rizultat taghha kien immarka tmintax (18) li huwa riskju gholi.

- Il-Qorti rat in-noti ta' l-ufficjal tal-probation li kienet qeda isegwih fuq Ordni ta' Supervizjoni Temporanja fejn gie rapport li ma kienx qed ibaghti minn vizzji u kien qed jidedika lilu nnifsu hafna ghax-xoghol sabiex izommu.

- Illi fis-sottomissjonijiet finali taghha l-prosekuzzjoni isuggeriet lil din il-Qorti sabiex tikunsidra piena alternattiva ta' habs u taghti Ordni ta' Probation flimkien ma Ordni ta' Trattament sabiex jindirizza l-imgieba tieghu. Il-Qorti giet ukoll mitluba tikkunsidra li taghti piena ta' multa ghar-rigward id-disa imputazzjoni.

---

[5] Qorti Kriminali deciza 24 ta' Frar 1997
[6] Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002]
[7] Thomson Reuteurs, S-29
[8] Blackstone Press Limited – 2006 edition

- Illi minn naha taghha d-difiza abbracjat ruhha mas-suggeriment tal-prosekuzzjoni dwar il-piena.

- Illi filwaqt li l-Qorti mhijiex bl-ebda mod marbuta ma' dawn is-sottomissjonijiet tara li din il-piena hija wahda legalment proponibbli u fil-parametri tal-ligi skond il-Kapitoli 9 u Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

- Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*

- Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputat izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku. Il-Qorti ghalhekk tqis, tenut kont tac-cirkostanzi, li piena alternattiva ghall-inkarcerazzjoni ser thalli l-frott mistenni u ghalhekk il-Qorti sejra tikunsidra piena alternattiva ta' habs.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 221(1), 222(1)(a), 325(c), 339(1)(d), 339(1)(e), 339(1)(h) u 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Mario Magri fuq ammissjoni tieghu stess **hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih.

Illi kwantu ghall-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi piena karcerarja f'dan l-istadju ma hix ser thalli il-frott illi wieħed jkun qed jistenna anzi il-kuntrarju. Ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li jissussistu c-cirkostanzi mehtiega u msemmija fl-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ikun fl-aqwa nteress tas-socjeta u tal-imputat li il-hati jitqieghed taht Ordni ta' Probation.

Ghalhekk il-Qorti qeghda tpoggi lill-hati taht **Ordni ta' Probation** ghall-perjodu ta' **tlett snin (3)** millum b'dan li ghal dan l-iskop qeghda tordna li l-hati jitqieghed taht is-sorveljanza t'Ufficjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

A tenur tal-Artikoli 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom instab hati b'din is-sentenza.

Il-hati jiddikjara li jaqbel ma' tali ordni. Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni ta' Probation ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-hati kull sitt (6) xhur.

Inoltre peress li l-Qorti tqis li f'dan il-każ hemm lok li jiġi maħruġ **Ordni ta' Trattament** fil-konfront tal-imputat u li permezz tiegħu huwa jkun jista' jiġi mgħejjun jegħleb diffikutajiet relatati mal-imgieba tieghu u vizzju tax-xorb, il-

Qorti wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali qegħdet lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament għal perjodu ta' **tlett snin** millum u dan skont il-kondizzjonijiet li jinsabu fid-digriet anness ma din is-sentenza u li jagħmel parti integrali minnha. Il-Qorti tiddikjara li għamlet din l-ordni ta' trattament wara li hija spjegat lil ħati bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu minn ordni ta' trattament kif ukoll ir-responsabblita tiegħu naxxenti mill-istess kif ukoll il-konsegwenzi li jitnisslu f'każ li huwa ma joqgħodx għall-kondizzjonijiet imsemmija fl-ordni ta' trattament.

Komunika: Direttur Probation u Parole

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex tipprovdi għas-sigurta` pubblika, tqiegħed lill-ħati Mario Magri taħt **obbligazzjoni tiegħu personali** għal perjodu ta` sena taħt penali ta` elf ewro (€1,000).

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 579(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija tal-fehema li mhux opportun li l-Qorti tirrevoka d-digriet tal-helsien mill-arrest tat-8 ta' Marzu 2022 pero qed tordna l-**konfiska** tal-ammont ta' €3,000 tal-garanzija tat-terz garanti.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 382A tal-Kodici Kriminali tordna l-hrug ta' **Ordni ta' Trazzin** kontra l-hati a favur ta' Vivian Lynn Magri u Ritanne Magri ghal perjodu ta' tlett snin mid-data tar-remissjoni tal-piena u li ghandha taghti effett ghal kull ma hemm imsemmi fl-artikolu 412C(3)(6)(8)-(11) tal-Kodici Kriminali li ghandhom japplikaw *mutatis mutandis.*

Komunika: Kummissarju tal-Pulizija

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 15A(1) u 532A tal-Kodici Kriminali tordna lill-hati ihallas fi zmien sitt (6) xhur mill-llum is-somma ta' mitejn u sittin Euro (€260) lill Vivian Lynn Magri rapprezentanti spejjez tal-hsara li ikkagunalha. Dan l-

ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Avukat Generali jinghata access ghal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma access ghal kopja skenjata tas-sentenza fi zmien sitt (6) ijiem tax-xoghol.

**Moghtija illum nhar it-28 ta' Novembru 2023 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Sant Lia**

**Magistrat**

**Oriana Deguara**

**Deputat Registratur**